**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn, 30 ta` Novembru 2020**

**Kawza Nru. 1**
**Rikors Nru. 279/2020 JZM**

**Angele Vassallo (K.I. Nru. 367467M)**
**Yvette Vassallo (K.I Nru. 395068M)**
**u Janice Testa (K.I. Nru. 49871M)**

***kontra***

**Ir-Registratur taL-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li kien prezentat fit-8 ta` Mejju 2020 u li jaqra :-

*Illi r-rikorrenti huma diretturi tas-socjeta` Vasalvillas Company Limited (C-2230) registrata fl-indirizz 137, Archbishop Street, Il-Belt*

*Valletta, u eredi ta` missierhom Edward Vassallo li kien id-direttur tal-maggoranza tal-ishma f`din l-istess socjeta` bis-sehem ta` erba` mija disgha u disghin (499) minn hames mija (500) (hekk kif jidher fl-anness memorandum u l-artikoli tal-kumpannija datata 9 ta` Lulju 1970 Dok A).*

*Illi r-Registratur tal-Kumpanniji baghat ittra datata 12 ta` Marzu 2015 (annessa u markata Dok B) li permezz taghha r-rikorrenti gew mgharrfa illi socjeta` Vasalvillas Company Limited (C-2230) kienet ser tigi xjolta u l-isem tal-istess imhassar minn fuq ir-registru tal-kumpanniji ai termini tal-artikolu 325(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Illi b`risposta ghal din l-ittra datata l-erbgha u ghoxrin ta` Marzu 2015 is-socjeta` Vasalvillas Company Limited baghtet tinforma lir-Registratur illi l-kumpannija kienet ghadha qieghda topera u ghaldaqstant ma ghandhiex tigi mhassra minn fuq ir-registru tal-kumpanniji (annessa u mmarkata Dok C).*

*Illi minkejja l-fatt li din it-twegiba ntbaghtet lir-Registratur entro t-terminu stipulat f`paragrafu tnejn tal-artikolu 325 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta dak ta` tliet xhur, ir-Registratur xorta wahda ghadda sabiex thassar l-isem Vasalvillas Company Limited minn fuq ir-registru, bil--konsegwenzi kollha illi tal-procedura ggib maghha.*

*Illi n-notifika tat-thassir tal-isem Vasalvillas Company Limited mir-registru giet ippubblikata nhar it-tmintax (18) ta` Mejju 2015, hekk kif jidher f`estratt mill-gazzetta "Times of Malta" (anness u mmarkat Dok D).*

*Illi sussegwentement ghal dan, nhar it-tlettax (13) ta' Lulju 2015, f`estratt iehor mill-gazzetta "Times of Malta" (anness u mmarkat Dok E) giet ippubblikata notifika ohra b`referenza ghal dik ippubblikata fit-tmintax (18) ta` Mejju 2015, fejn gie ddikjarat li l-isem 'Vasalvillas Company Limited' fost ohrajn mhux ser jigi mhassar mir-registru;*

*Illi minhabba din in-notifika, ir-rikorrenti hasbu li l-proceduri tat-thassir tal-isem tas-socjeta` kienu waqfu.*

*Illi nonostante dan, aktar kmieni din is-sena r-rikorrenti talbu li ssir ricerka fuq il-kumpannija Vasalvillas Company Limited u ntebhu li isem il-kumpannija kien thassar mir-registru tal-kumpanniji, u dan minghajr pre-avviz.*

*Illi s-socjeta` Vasalvillas Company Limited, permezz ta` kuntratt data is-sitta (6) ta` Frar 1990, u ppubblikat fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino, akkwistat subutili dominju perpetwu ta` razzett b`cirka tlett elef u tliet mija u tnejn u sebghin metri kwadri (3372 m2) raba` mieghu li qieghed fil-kuntrada ta` Ghajn Dwieli bejn Cospicua u Casal Paola imlaqqam Ta Wied Blandun liema razzett huwa minghajr numru u ghandu access minn Sqaq Blandun, kif jirrizulta mill-anness Dok F.*

*Illi jekk is-socjeta` Vasalvillas Company Limited ma tergax titqieghed fuq ir-registru tal-kumpanniji r-rikorrenti ser isofru danni rreparabbli, billi tali proprjeta` tiddevolvi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*Illi l-rikorrenti hassewhom aggravati b`tali thassir u ghandhom kull interess illi s-socjeta` Vasalvillas Company Limited terga` titpogga fuq ir-Registru tal-kumpanniji.*

*Illi r-rikorrenti lesti li jiehu kull azzjoni mehtiega sabiex tigi regolarizzata l-pozizzjoni tas-socjeta` in kwistjoni.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlobu illi dina l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvedimenti opportuni :-*

*Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*(i) jerga` jdahhal l-isem tas-socjeta` Vasalvillas Company Limited (C-2230) fir-registru tal-kumpanniji sabiex b`hekk l-istess socjeta` titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma giex mhassar,*

*kif ukoll li :*

*(ii) jaghmel dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-Ligi relativi ghal tali inserzjoni fir-registru tal-kumpanniji, u danakollu taht dawk il-provvedimenti illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fis-27 ta` Lulju 2020 u li taqra hekk :-

*Illi l-kumpanija Vasalvillas Company Limited (C 2230) kienet giet registrata fuq ir-Registru tal-Kumpanniji fid-9 ta` Lulju 1970.*

*Illi fiz-zmien li damet fuq ir-Registru, il-kumpannija naqset mill-obbligi taghha illi tibghat kontijiet u prospetti annwali lir-Registratur ghar-registrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk illi l-ahhar dokument li l-ahhar prospett annwali illi ntbaghat kien fis-sena 1974 u l-ahhar kont annwali registrat kien tas-sena 1999.*

*Illi tali nuqqas kien raguni bizzejjed sabiex l-esponent Registratur jissoponi illi l-kumpannija in kwistjoni ma kinetx qed topera jew tmexxi negozju u beda l-process ghat-thassir tal-kumpanija ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista ta` suespost, ir-Registratur ipproceda sabiex kiteb lill-kumpanija u lill-ufficjal taghha sabiex avza illi l-isem tal-kumpanija kien ser jigi mhassar minn fuq il-Registru kemm-il darba ma tintweriex raguni sabiex dan ma ssehhx.*

*Illi konsegwentement ai termini tal-Artikolu 325, l-esponent gie infurmat illi kien hemm interess illi l-isem tal-kumpanija jibqa` fuq ir-Registru. Ghaldaqstant l-esponent mexa sabiex fl-13 ta` Lulju 2015 ippubblika l-avviz fuq il-website mizmuma minnu u f`gazzetta li tohrog kuljum fejn inghad illi gie nfurmat illi kien hemm raguni bizzejjed sabiex l-isem tal-kumpannija ma kienx ser jigi ikkancellat minn fuq ir-Registru.*

*Il-prassi hija li kumpaniji li jergghu jitpoggew fuq ir-Registru jaghmlu hilithom sabiex igibu l-kumpaniji konformi mal-Att dwar il-Kumpanniji u ghaldaqstant il-kumpanija in kwistjoni intalbet taghmel dan. Fis-27 ta` Marzu 2015 il-kumpanija gabet prospett annwali wiehed u ghalhekk ufficjal mir-Registru informa lill-kumpanija li kien hemm hafna iktar dokumenti x`jigu sottomessi, hlasijiet u anki ftehim fuq il-penali. Tali hlasijiet tal-penali jew aggornar ma sarux u bi zvista*

*f`gheluq it-tliet xhur mill-publikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent hareg avviz fuq website mizmuma minnu fejn gie avzat illi l-isem tal-kumpannija in kwistjoni kien gie mhassar minn fuq ir-Registru.*

*Illi l-ahhar publikazzjoni saret bi zball (ghaliex kienet tikkontradixxi pubblikazzjoni ta` qabilha) fid-dawl illi l-kumpanija ma kenitx konformi mal-ligi.*

*Illi ghalhekk ir-Registratur qieghed umilment jissolleva illi qieghed ihalli f`idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jigu maghrufin il-passi illi ghandhom jittiehdu min-naha tieghu sabiex il-pozizzjoni tal-kumpannija in kwistjoni tigi rattifikata. Illi ghaldaqstant huwa lest li joqghod ghal kull direzzjoni u provvediment illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi partikulari ta` dan il-kaz.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-verbali tal-udjenzi ta` din il-kawza.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrenti Angele Vassallo u rat provi ohra konsistenti f`dokumenti li kienu prezentati fil-kors tal-kawza.

Rat ukoll illi fl-udjenza tad-19 ta` Novembru 2020 giet infurmata li r-rikorrenti kienu rregolarizzaw il-pendenzi kollha li kellha l-kumpannija koncernata, u li ghalhekk l-intimat ma kienx qed jopponi li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru tal-kumpanniji.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghall-provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Ir-rikorrenti mexxew bil-procedura tal-lum abbazi ta` l-Art 325(4) tal-Kap 386.

Jirrizulta li r-rikorrenti huma azzjonisti tal-kumpannija Vasalvillas Company Limited (C2230).

Ghalhekk ghandhom *locus standi* sabiex jippromwovu l-istanza odjerna.

Dan premess, wara li qieset kif svolga l-procediment odjern, il-qorti, fl-ghoti tal-provvediment taghha tal-lum, sejra tqis illi sa mill-ewwel appuntament tal-kawza, ir-rikorrenti wrew disponibilita` **shiha** li jirregolaw il-pendenzi kollha li kellha l-kumpannija de qua qabel l-intimat mexxa bil-procedura tat-thassir tal-isem mir-registru tal-kumpanniji.

Il-qorti taccetta bhala ppruvat li l-intimat kellu ragunijiet fondati bizzejjed sabiex jaghti bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem.

Fl-istess waqt tqis inaccettabbli li jkun hemm *zvisti* li l-intimat jirrikonoxxi li kienu kommessi fil-kors tat-twettieq tal-procedura skont l-Art 325 tal-Kap 386.

Tishaq li l-intimat ghamel sewwa li mexxa bil-procedura ladarba sab li kien hemm inadempjenzi grossolanida parti tal-ufficjali tal-kumpannija fit-twettieq tal-obbligi taghha skont il-Kap 386.

Pero` ma taccettax li *zvisti* min-naha tal-intimat fi procedura li hija semplici fl-ezekuzzjoni taghha ghaliex huma l-*izvisti* li jgibu disgwid bla bzonn, indipendentement mir-ragunijiet ghal kollox legittimi u gistifiukati li wasslu lill-intimat sabiex jagixxi *in primis.*

Il-qorti sejra tqis l-*izvisti* tal-intimat meta tigi ghall-provvediment taghha dwar il-kap tal-ispejjez.

Fil-kors tal-kawza, jirrizulta ppruvat illi r-rikorrenti rregolarizzaw il-pendenzi **kollha** li l-kumpannija kellha mal-intimat qabel dan mar ghall-procedura tat-thassir tal-isem.

Ippruvata b`mod tangibbli d-disponibilita` tar-rikorrenti *to make a fresh start* l-intimat accetta li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jitqiegħed fuq ir-Registru.

Ghandu jinghad illi s-subartikolu (4) tal-Art 325 tal-Kap 386 huwa dak rilevanti biex jirregola s-sitwazzjoni li tipprezenta ruhha fil-kawza tal-lum.

Is-subinciz (4) jaqra hekk –

*Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta' dan l-artikolu, il- Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz tat-thassir … tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta' kopja ufficjali ta' l-ordni mir- Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar, u l-Qorti tista' bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih jghaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

Il-qorti qieset dak li xpruna lir-rikorrenti sabiex jiehdu azzjoni, u cioe` l-biza` reali li propjeta` tal-kumpannija [deskritta fir-rikors promotur kif ukoll fl-atti] tispicca ghand l-Istat ghaliex l-isem tal-kumpannija thassar mir-Registru.

**Tenut kont tal-mod kif ir-rikorrenti wrew l-impenn taghhom fil-kors ta` dan il-procediment sabiex igibu l-pendenzi tal-kumpannija *in order* imgieba din li kienet finalizzata ghas-sodisfazzjon tal-intimat, il-qorti tqis li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.**

**Fl-istess waqt il-Qorti trid taghmilha mill-aktar cara lir-rikorrenti li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji bl-ebda mod ma ghandu jfisser li bhal donnu l-Qorti tat xi *carte blanche* lill-kumpannija, lill-ufficjali taghha u lill-azzjonisti sabiex kull ma ma sarx tajjeb u skont il-ligi qabel sar it-thassir tal-isem issa jista` jigi ripetut.**

**Proprju xejn minn dan.**

**Il-Qorti trid taccerta ruhha li bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, il-kumpannija tidhol lura fil-binarji tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn li r-Registratur tal-Kumpanniji jkollu jagixxi minhabba l-inadempjenzi ta` kull min huwa responsabbli.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti billi –**

**1) Tordna li l-isem Vasalvillas Company Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C2230 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem Vasalvillas Company Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C2230 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3) Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun ikkonsenjata lilu mir-Registratur tal-Qorti kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem Vasalvillas Company Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C2230 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Vasalvillas Company Limited (C2230) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**4) Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha, b`dan illi kull spiza relatata mal-ezekuzzjoni ta` dan il-provvediment ghandha tkun a kariku tal-intimat.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**